MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 65/2013

**Helen Mary Frix-Ross**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atriċi wara li ppremettiet:

Illi hija twieldet fit-tnax (12) ta' Aprl tas-sens elf disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947), fin-Nadur, Għawdex, liema twelid huwa miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, ir-Rabat, Għawdex, fl-Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati, bin-numru erba' mija u tnax (412) tas-sena disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947) (Dok A);

Illi l-att tat-twelid relattiv għat-twelid ta' l-attriċi huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestat "Isem il-Wild" l-isem qiegħed indikat bħala "Alice" meta fil-fatt, kif jidher tajjeb fid-diversi atti u dokumenti oħra, dan kellu jiġi ndikat bħala "Helen";

Illi l-attriċi tixtieq illi fuq l-Att tat-Twelid fuq imsemmi isimha jiġi kkoreġut b'mod illi jaqbel ma' dak li korrettament jidher fuq id-diversi atti u dokumenti oħra, u għaldaqstant, kull fejn jinkorri l-isem "Alice" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "Helen";

Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament tagħha mill-attriċi Helen Mary Frix-Ross (41247(G)), ta' 32B, Triq Hanaq, Nadur, Għawdex, li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbet lill-konvenut jgħid l'għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex :

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru erba' mija u tnax (412) tas-sena disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947) (Dok A), relattiv għat-twelid ta' l-attriċi huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna l-korezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Alice" għandu jiġi sostitwit bl-isem "Helen".

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvneut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors ġuramentat u ċioe' ċertifikat tat-twelid tal-attriċi bħala Dokument A, kopja tal-passaport tal-attriċi bħala Dokument B, kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-attriċi bħala Dokument Ċ, iċ-Ċertifikat tal-Magħmudija ta' l-attriċi bħala Dokument D, u Affidavit ta' l-istess tal-attriċi bħala Dokument E.

Rat ukoll ir-Risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament trid issir korrezzjonji fl-okkju ta’ dan ir-rikors peress ilil presentament, uffiċjalment ir-rikorrenti jisimha Alice u mhux Helen Mary;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, ir-rikorrentii trid tipproduċi kopja dettaljata tal-att tat-twelid tagħha, u mhux estratt tal-istess att. Dan sabiex il-Qorti tkun f’posizzjoni aħjar tara liema kolonni għandhom jiġu emendati;

3. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suepost, ir-rikors tar-rikorrenti biex isimha jinbidel minn Alice għal Helen mhix konsegwenza ta’ xi żball, peress illi jirriżulta illi meta saret ir-reġistrazzjoni, il-ġenituri tar-rikorrenti effettivament indikaw illii lil binthom iredu jsemmuha Alice u mhux Helen jew Helen Mary, iżda konsegwenza tal-fatt illi l-attriċi trid illi minflok l-isem irreġistrat jiġi reġistrat l-isem illi bih ir-rikorrenti hija komunement magħrufa. Għaldaqstant, it-talba tal-attriċi kellha ssir ai termini ta’ artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili u mhux ai termini ta’ artikolu 253 (1) tal-istess Kodiċi;

4. Illi kuntrarjament għal dak iddikjarat fir-rikors, ma teżisti ebda kolonna intestata ‘Isem il-Wild”. Għal kuntrarju, hemm żewġ kolonni intestati “Ismijiet Mogħtijin” u “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, anki in vista tal-fatt illi fl-okkju tal-kawża, fuq il-passaport, fuq id-driver’s licence u fuq l-affidavit tagħha isem ir-rikorrenti ġie dejjem indikat bħala Helen Mary, ir-rikorrenti għandha tiddeċidi jekk tridx illi isimha jiġi reġistrat bħala Helen jew inkella Helen Mary;

6. Illi nonostanti l-esponenti m’għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress t-tibdil mitlub mhuwiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir da parti tal-esponenti;

7. Salv eċċezzjonjiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Il-Qorti;

Billi jirriżulta ampjament mid-dokumenti esebiti u mill-istess affidavit ta' l-attriċi, jidrilha li t-talbiet attriċi huma ġustifikati u għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi u

1. Tiddikjara l-att tat-twelid bin-numru erba' mija u tnax (412) tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u erbgħin (1947) relatat mat-twelid tal-attriċi huwa skorrett fis-sens spjegat fl-istess rikors ġuramentat; u

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Alice" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "Helen"

In vista tan-natura ta' din il-kawża m'għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------